## 25 ta' Ottubru, 1955

## Imħallef:
## Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Angiolina Wells**

*versus*

Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget et ne.

### Separazzjoni Personali — Alimenti — Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Obligazzjoni — Sentenza — Eżekuzzjoni — Art. 742(a) u 743(g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

*L-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tista' tingħata meta l-kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Malta u l-Għejjer li jagħmlu magħha; u, salvi l-każi fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qorti Ċivili ta' Malta u l-Għejjer li jagħmlu magħha, għandha, mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċidi l-kawżi kollha li jirrigwardaw, fost oħrajn, kull persuna għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, meta s-sentenza tkun tista' tiżi eżegwita f'dawn il-Għejjer.*

*It-terminu "obligazzjoni" fil-materja mhuwiex ta' natura restrittiva u limitattiva, imma jadatta ruħu tant għall-obligazzjonijiet li jitnisslu mill-liġi (bħal ma huma l-alimenti), kif ukoll għal dawk naxxenti minn kuntratt, delitt jew kważi-delitt, bla ebda distinzjoni.*

*Għaldaqstant, il-Qrati Tagħna għandhom ġurisdizzjoni jieħdu konjizzjoni ta' kawża ta' separazzjoni personali ta' mara li hija suddita tal-Maestà Tagħha r-Reġina kontra żewġha li hu assenti u domiċiljat f'pajjiż ieħor, u għall-eventwali kundanna tiegħu biex iħallasha l-alimenti. Purke', pero', is-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Għejjer.*

*Imma biex is-sentenza tkun tista' tiġi hekk eżegwita, jeħtieġ li l-persuna azzjonata, li tkun assenti, ikollha, fil-bidu tal-kawża, beni jew sustanzi f'dawn il-Għejjer li fuqhom il-ġudikat jista' jiġi eżegwit, totalment jew parzjalment; u mhix sufficjenti kwalunkwe forma oħra ta' eżekuzzjoni biex tirradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna; u kwindi lanqas hu biżżejjed il-fatt li s-sen-*

*tenza tas-separazzjoni personali tkun tista' tiġi inskritta fir-Reġistru Publiku.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-imsemmi George Everard Wells sar ħati kontra martu, l-attriċi, ta' abbandun, adulterju, sevizji, *minaċċi*, u *ngurji* gravi, b'mod li hemm lok li tiġi pronunzjata bejniethom is-separazzjoni personali; talbet illi, għar-raġunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti tordna s-separazzjoni personali ta' l-attriċi minn ma' żewġha, minħabba l-ħtijiet ta' dan kif fuq imsemmija. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mid-depożizzjoni tal-attriċi jirriżulta li hija, ċirka 21 sena u disgħa xhur ilu, iżżewġet mal-assenti George Everard Wells, li kien "on commission" bħala fir-Royal Navy, stazzjonat temporaneament hawn. Jirriżulta li żewġha huwa mwieled l-Ingilterra, fejn huwa dejjem kien domiċiljat, u li wara li spiċċa mill-kummissjoni raġa mar l-Ingilterra, u ma reġgħax qatt irritorna Malta; u wara li fil-bidu li telaq kitbilha xi ftit, aktar in segwitu injoraha kompletament. Proprjetà hawn Malta l-istess imsiefer żewġ l-attriċi ma għandux, u l-attriċi qegħedha tieħu minn għandu 10s. fil-ġimgħa in forza tal-"Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance" (Kap. 76). Peress li dik ir-rata alimentari mhix biżżejjed għaliha, u peress li l-attriċi għalqet l-64 sena, milli jidher talbet il-pensjoni *tax-xjuħ*, u *mid-Dipartiment inkarikat* qalulha li, biex tkun tista' tieħu d-differenza bejn l-10s. fil-ġimgħa tal-manteniment li qegħedha ddaħħal u l-pensjoni tax-xjuħ kif stabbilita, trid tagħmel kawża ta' *separazzjoni* personali kontra żewġha;

Illi, apparti l-motiv determinanti (li mhux dak li għandu jkun skond l-ispiritu tal-liġi għas-separazzjoni "quoad *thoro et mensa*", u li huwa biss aċċessorju għall-motivi ta' ordni superjuri sakemm l-element spiritwali tal-ħajja matrimonjali jibqa' jipprevali fuq l-element materjali) li għaliħ l-attriċi qegħedha *titlob* is-separazzjoni personali wara

li ħalljet dan iż-żmjen kollu jgħaddi, u apparti, jekk huwa verament minnu, il-kwistjonabbiltà minn ħafna punti di vista tas-suggeriment lilha magħmul, kif qalet, mid-Dipartiment inkarikat mit-tqassim tal-pensjonijiet tax-xjuħ, dina l-Qorti "ex officio" ssollevat l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha dwar il-konjizzjoni ta' dina l-kawża, kif għandha s-setgħa tagħmel skond l-art. 775 (a) tal-Kap. 15, konfermat mill-ġurisprudenza lokali (ara Kummerċ 30 ta' Jannar 1900 "Neguzjant De Matteis ne. vs. Neguzjant Degaetano ne." Vol. XVII, P. III, p. 60 u 61; u Appell 17 ta' April 1884 "Mifsud vs. Aquilina", Vol. X, p. 449);

Ikkunsidrat:

Illi, skond l-art. 742 (a) Kap. 15, l-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tista' tinġiebu meta l-kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gżejjer ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu Magħha; u skond l-art. 743 tal-istess Kapitolu fuq imsemmi, bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili tal-Gżira ta' Malta u tal-Gżejjer li jagħmlu Magħha għandhom, mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni msemmija f'dak l-istess artikolu;

Illi, indubbjament, il-konvenut ma jaqgħax taħt il-persuni imdaħħla taħt l-art. 743 ittra (a), l-għaliex la huwa mittwelid Malti, jew inkella Malti naturalizzat, kif ukoll ma huwiex persuna li lilha ġew mogħtija l-jeddijiet ta' ċittadinanza b'att tal-awtorità kompetenti. L-anqas jista', skond l-ittra (b) ta' dak l-artikolu fuq imsemmi, jiġi kunsidrat bħala persuna domiċiljata f'dawn il-Gżejjer, l-għaliex il-preżenza tiegħu bħala persuna tas-servizz meta żżewweġ f'dawn l-istess Gżejjer kienet "quid facti", li hija preżenza ta' natura temporanea; mentri d-domiċilju huwa "quid juris", kif jidher argumentattivament mill-art. 746 (a) ta' l-istess Kapitolu fuq imsemmi (ara Kummerċ 30 ta' Jannar 1900, "Neguzjant De Matteis ne. vs. Neguzjant Degaetano ne.", Vol. XVII, P. III, p. 60 u 61). L-anqas ma jista' jidħol taħt l-ittra (ċ), li tirrigwarda persuni f'kawżi dwar nwejjeġ li jagħmlu jew li nnisabu f'dawn il-Gżejjer (ara Prim Awla Ċivili 21 ta' Novembru 1931, "Olga Bellini nomine vs. Dot-

tor Antonio Caruana et. *nomine*" (Vol. XXVIII, P. II, p. 70, u Appell 26 ta' Ġunju, 1921, "Salvatore Liberto vs. Dr. Eduardo Amato et.", Vol. XXIV, P. I, p. 1145; u Kummerċ 29 ta' Novembru, 1884, "Neguzjant Emmanuele Scicluna vs. Not. Alf. Carbone ne.", Vol. X, p. 648); l-għaliex il-kawża hija ta' natura ta' azzjoni personali. Lanqas jista' jidħol taħt l-ittri (d), (e) u (f); l-għaliex fit-tliet ipotesijiet hemm kontemplati hija rikjesta essenzjalment il-preżenza tal-konvenut, u l-konvenut f'dina l-kawża ilu assenti minn dawn il-Gżejjer ħafna snin. Jibqa' kwindi li dina l-Qorti tara u teżamina jekk il-konvenut huwiex jew le rikjamat għall-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti taħt l-aħħar ipotesi ta' l-art. 743, taħt l-ittra (g), li tikkonċerni "kull persuna, għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer". Dina d-dispożizzjoni hija ntiża biex tipproteġi s-sudditi britanniċi u biex tintroduċi ġjus speċjali favur tagħhom (ara Appell 7 ta' Diċembru, 1931 "Neguzjant Fortunato Habib vs. P. L. Alfredo Benjacar", Vol. XXVIII, P. I, p. 669; u Appell 17 ta' April, 1884 "Mifsud vs. Aquilina, Vol. X, p. 449);

Illi qabel xejn jingħad illi t-terminu "obligazzjoni" mhux ta' natura restrittiva u limitattiva, u jadatta ruħu għall-obligazzjonijiet li jitwieldu mill-liġi (bħal ma huma l-alimenti), kif ukoll għal dawk naxxenti minn kuntratt, kemm għal dawk konvenzjonali kontratti bla kuntratt minħabba delitt jew kważi-delitt, bla ebda distinzjoni (ara Prim'Awla Ċivili 25 ta' Novembru, 1884 "Annati vs. Dr. Fco. Sammut nomine et.",, Vol. IX, p. 643; Prim'Awla Ċivili 31 ta' Mejju, 1901 "Darmanin vs. Dr. Clo. Despott nomine". Vol. XVIII, P. II, p. 179; Prim'Awla Ċivili 11 ta' Jannar. 1918, "G.E.C. vs. Nutar Alfred Page nomine et.", Vol. XXIII, P. II, p. 277);

Ikkunsidrat;

Illi huwa assodat li l-attriċi hija suddita tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u li l-konvenut intrabat b'obligazzjoni magħha li minnha jitnissel, fost obligi oħra, anki dak ta' l-alimenti "ex lege", għalkemm dawn għal issa ma ġewx mitluba, li l-provvediment fuqhom huwa ta' natura prov-

viżorja. Huwa wkoll aċċertat li d-dikjarazzjoni mitluba fil-kawża ma tikkaratterizzax l-azzjoni intentata bħala azzjoni reali, iżda bħala azzjoni personali;

Illi jibqa' għal dina l-Qorti teżamina, tgħid u tara, x'jimpurtaw il-kliem ta' l-art. 743 ittra (g) "if the judgement can be enforced in these Islands", maqlubin bil-Malti "meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer". Infatti, mentri ħafna sentenzi tal-Qrati Tagħna jaffermaw li dawk il-kliem jimpurtaw in-neċessità ta' l-aċċertament fil-prinċipju tal-kawża — jekk u meta l-individwu jew persuna azzjonata tkun assenti — li jkunu jeżistu f'dawn il-Gżejjer beni jew sustanzi li fuqhom l-istess ġudikat jista' jiġi eżegwit, jew totalment jew anki parzjalment (ara lista tas-sentenzi f'dana s-sens markata dokument "A", annessa u nkorporata għar-reġistrazzjoni ma' dina d-deċiżjoni), hemm xi oħrajn li rritenew li, sabiex ġudikat ikun jista' jiġi eżegwit f'Malta, il-liġi ma tirrikjedix neċessarjament li jkun hawn proprjetà f'Malta li fuqha tkun tista' tiġi eżegwita l-istess sentenza, l-għaliex kwalunkwe forma oħra ta' eżekuzzjoni hija suffiċjenti sabiex tiġi radikata l-kompetenza ġurisdizzjonali ta' dawn il-Qrati (ara ċ-ċitazzjoni tas-sentenza prinċipali msemmija fl-ewwel lok, li għamlet dina l-affermazzjoni, u li stabbiliet dana l-prinċipju, fid-dok. "B", li għandu jiġi nkorporat u reġistrat wara dina s-sentenza); liema l-aħħar sentenza, kienet ġiet pronunzjata fuq talba ta' dikjarazzjoni ta' paternità naturali bil-konsegwenzjali talba għall-provvediment ta' l-alimenti, b'dana li dwar l-alimenti fil-jum imsemmi l-Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ġurisdizzjonali; u fejn dik l-Onorabbli Qorti stabbiliet li r-reġistrazzjoni ta' annotazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' dikjarazzjoni ġudizzjali ta' paternità skond l-art. 324 tal-Kap. 23 hija forma ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li tirradika l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, anki jekk il-konvenut ma jkollux proprjetà f'dawn il-Gżejjer;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' dina l-Qorti, l-inskrizzjoni ta' sentenza ta' separazzjoni msemmija fl-art. 56 tal-Kap. 23,

u l-annotazzjoni msemmija fl-art. 324 tal-Kap. 23, jippresupponu li l-Qorti li tkun hadet konjizzjoni tal-każ kellha l-kompetenza ġurisdizzjonali sabiex tiddetermina l-istess kwistjonijiet li jkunu ġew quddiemha. Imatti, dawk l-inskrizzjonijiet huma ntizi sabiex dak li jiġi dikjarat ikun a konjizzjoni tat-terzi, mingħajr preġudizzju tad-drittijiet li jkunu ġew akkwistati mit-tlal jew terzi persuni fuq il-ħwejjeġ disposti — meta jkun hemm dispożizzjoni f'sentenza — qabel l-inskrizzjoni dwar l-effetti tad-dikjarazzjoni tasseparazzjoni personali *kontemplati* fl-art. 56 fuq imsemmi Bejn il-ħatt li sentenza definittiva tista' tiġi nskritta u dak li, l-għaliex *tista' tiġi nskritta*, għandha *tiġi presupposta*, bħala mezz ta' eżekuzzjoni f'dawn il-Gżejjer, il-ġurisdizzjoni, *fil-ħsieb* ta' dina l-Qorti, hemm differenza kbira; l-għaliex irid jiġi qabel xejn assodat li dik is-sentenza tista' tiġi ottenuta minn dawn il-Qrati qabel ma tiġi nsinwata jew inskritta; u jekk huwa san ir-raġunament ta' dina l-Qorti, l-inskrizzjoni ma tistax tkun ritenuta bħala mezz ta' eżekuzzjoni kif imsemmi fl-art. 734(g) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

*Illi dawn il-Qrati qatt ma rritenew (barra mis-sentenzi* ċitati fid-dok. "B") li l-inskrizzjoni jew annotazzjoni kienu *mezzi* ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi f'dawn il-Gżejjer. Infatti, fis-sentenza Prim'Awla Ċivili 12 ta' Mejju, 1921, "Annetta Mangion vs. Dr. Giuseppe Frendo Azzopardi nomine et.", li huwa tajjeb li tiġi konsultata wkoll, anki fit-trattazzjoni tagħha quddiem l-appell, li sar u nqata' fl-24 ta' Ottubru, 1921, (Vol. XXIV, P. I, p. 857), intqal, f'każ ta' dikjarazzjoni ta' filjazzjoni illeġittima bil-konsegwenti talba għall-alimenti, li dawn it-tribunali ma għandhomx ġurisdizzjoni f'azzjoni ta' riċerka ta' paternità naturali kontra assenti, l-għaliex *dik ir-riċerka għandha bħala mira li* tistabbilixxi obligazzjoni għall-alimenti; u billi l-konvenut kien assenti, u ma kellux beni sitwati hawn Malta, ma setgħetx tiġi radikata l-kompetenza tat-tribunali lokali; u ma ntqalx — ħaġa li ma setgħetx tisfuġġi lil dak it-Tribunal Suprem — li l-attriċi nomine setgħet tirradika l-kompetenza bl-annotazzjoni kontemplata fl-art. 324 tal-Kap. 23, jew aħjar l-art. 327 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873 allura in vigore;

Illi kwindi dina l-Qorti ma għandhiex ozzjoni oħra ħlief dik li taċċetta t-teżi sostnuta mis-sentenzi ndikati finnota "A", fejn huwa opinat li, biex persuna assenti li tkun obligat ruħha versu suddittu tal-Maestà Tagħha r-Reġina tista' tkun assoġġettata għall-kompetenza ġurisdizzjonali ta' dina l-Qorti, hemm bżonn li jkollha ħwejjeġ jew sustanzi f'dawn il-Gżejjer li fuqhom is-sentenza tista' tiġi eżegwita;

Illi l-konvenut assenti ma għandux ħwejjeġ li fuqhom din is-sentenza bl-effetti kollha tagħha skond il-liġi tista' tiġi eżegwita;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li l-kawża preżenti mhix ta' kompetenza ġurisdizzjonali ta' dawn il-Qrati; bl-ispejjeż għall-attriċi.

* * *

Dokument "A", imsemmi fil-korp tas-sentenza:—

1. Kummerċ 14 ta' Jannar, 1897 — "Ellul vs. Dr. Chapelle" — Vol. XVI, P. III, p. 1;

2. Prim'Awla Ċivili 25 ta' Novembru, 1884 — "Annati vs. Dr. Fco. Sammut nomine et." — Vol. X, p. 643;

3. Prim'Awla Ċivili 11 ta' Jannar, 1918 — "G.E.C. vs. Nutar Alfred Page nomine et." — Vol. XXIII, P. II, p. 277, konfermata fl-Appell fit-23 ta' Lulju, 1919 fuq il-pont biss bażat ta' l-art 734 (g) Kap. 15, indipendentement mill-kwistjoni tad-domiċilju diskuss mill-Ewwel Qorti — ara Appell 23 ta' Lulju, 1919, Vol. XXIV, P. I, p. 117;

4. Kummerċ 16 ta' Jannar, 1917, "Antonio Pisani vs. Giuseppe La Rosa de Cristofaro nomine" — Vol. XXIII, P. III, p. 489;

5. Kummerċ 5 ta' Mejju, 1922 — "Neguzjant Carlo Pace nomine vs. Dr. Robert Naudi ne." — Vol. XXV, P. III, p. 689;

6. Kummerċ 24 ta' Jannar, 1933 — "Micallef vs. Dr. Gaetano Borg Olivier nomine et." — Vol. XXVIII, P. III, p. 1035; u Kummerċ 6 ta' Mejju, 1931, "Vassallo nomine vs. Zammit Cutajar nomine et." — l-istess Volum u Parti, paġ. 722;

7. Kummerċ 4 ta' Mejju, 1933, "Ebejer nomine vs. Reg. M. Smith nomine" — Vol. XXVIII, P. III, p. 1153;

8. Kummerċ 21 ta' Ottubru, 1932 — "Vassallo vs. Zammit" (mhix publikata);

9. Kummerċ 22 ta' Jannar, 1935 — "Mifsud proprio et nomine vs. Dr. Paolo Azzopardi et nomine" — Vol. XXIX, P. III, p. 74;

10. Kummerċ 20 ta' April, 1937 — "Azzopardi nomine vs. Dr. Giorgio A. Camilleri et nomine" — Vol. XXIX, P. III, p. 350;

11. Kummerċ 24 ta' Jannar, 1938 — "Mea nomine vs. Avukat Dr. Frank Chetcuti et nomine" — Vol. XXX, P. III, p. 350;

12. Prim'Awla Ċivili 30 ta' Ottubru, 1945 — "Bruno nomine vs. Avukat Dr. Edgar Buhagiar et nomine" — Vol. XXXII, P. II, p. 164; u Prim'Awla Ċivili 12 ta' Mejju, 1921 — "Annetta Mangion vs. Dr. Gius. Frendo Azzopardi nomine et"; liema l-aħħar sentenza tal-Prim'Awla Ċivili mhix publikata; ara però Appell 24 ta' Ottubru, 1921, l-istess ismijiet, Vol. XXIV, P. I, p. 857;

13. Prim'Awla Ċivili 31 ta' Mejju, 1901, in re "Elena Darmanin vs. Dr. Clo. Despott et nomine", Vol. XVIII, P. II, p. 179; liema l-aħħar sentenza ddeċediet li d-dispost in diskussjoni huwa applikabbli għal talba għad-dekadenza mil-legat taż-żwieġ mill-parti ta' persuna eletta, frustiera u assenti, li kellha bħala kondizzjoni essenzjali li tiżżewweġ u li mingħajr l-adempiment ta' dik il-kondizzjoni ma setgħetx tikkonsegwixxi d-dota tal-legat, dipendenti minn fondazzjoni lokali (Rosselli Massa), sabiex, f'każ ta' riżultat favorevoli għat-talba lill-konfraternita lokali, kien ikun jinkombi l-obligu li tipproċedi għal elezzjoni oħra biss bejn l-istess persuni li jkunu deħru fil-konkors fejn tkun ġiet mogħtija s-sentenza gradwatorja;

14. Appell 23 ta' Jannar, 1911 — "Darmanin vs. Camilleri nomine" — Vol. XXI, P. I, paġ. 46;

15. Kummerċ 20 ta' Ottubru, 1911 — "Azzopardi nomine vs. Dr. E. Gulia nomine" — Vol. XXI, P. III, p. 79; Appell 5 ta' Lulju, 1906 — "Page nomine vs. Tropp et nomine" — Vol. XIX, P. I, p. 215;

16. Kummerċ 20 ta' Jannar, 1904, "Page nomine vs. Denaro nomine", konfermata fl-Appell fit-23 ta' Frar, 1904;

17. Kummerċ 7 ta' Frar, 1902 — "Apap nomine vs. Dr. Clo. Despott" — Vol. XVIII, P. III, p. 87.

* * *

Dokument "B": —

1. Prim'Awla Ċivili 26 ta' Marzu, 1936 — "Mary Tonna nomine vs. Dr. Giuseppe Mifsud Speranza et nomine" — Vol. XXIX, P. II, p. 1036 (dikjarazzjoni ta' filjazzjoni naturali);

2. Prim'Awla Ċivili 4 ta' April, 1946 — "Maria Anna Tanti vs. Avukat Dr. Paolo Borg Grech et nomine" — Vol. XXXII, P. II, p. 301 — deċiża fil-meritu fl-20 ta' Diċembru, 1946 — Vol. XXXII, P. II, p. 494 (dikjarazzjoni ta' filjazzjoni naturali).